| **Laqgħa Grupp ta' Ħidma Parlamentari fuq id-dijabete No.2** | |
|---|---|
| Data | 7 ta' Mejju, 2014 |
| Ħin | 2000hrs |
| Post | Kamra tal-Kumitati, Parlament |

**Attendenza:**

Simon Busuttil, Godfrey Farrugia, Claudio Grech, Marlene Farruġia, Frederick Azzopardi, Claudette Buttigieg, Michael Gonzi, Marthese Portelli, Deo Debattista, Clyde Puli, Franco Mercieca, David Aġius, Kevin Mizzi

**L-Aġenda** kienet is-seġwenti:

1. *Introduction on the establishment of the informal Diabetes Working Group (DWG) in the House of Representatives – Simon Busuttil MP*
2. *Election of Chairperson of the DWG.*
3. *Audiovisual message by* ***Sir Michael Hirst****, President of the International Diabetes Federation.*
4. *Presentation by* ***Dr. Natashia Azzopardi Muscat***
5. *Presentation by P****rofessor Stephen Fava****, Chair of the Diabetes & Endocrine Centre - Mater Dei Hospital (CLINICAL/MEDICAL)*
6. *Presentation by M****s. Christine Mifsud****, a mother who is blind due to Diabetes Complications*
7. *Presentation by Ms* ***Anna Zammit McKeon****, President of the Maltese Diabetes Association (NGO)*
8. *Exchange of views.*
9. *Conclusions by the Chairperson of the DWG.*

**1) Appuntar ta' President**

Wara intervent introduttorju minn Simon Busuttil, Kap ta' l-Oppożizzjoni, il-Kumitat għadda sabiex jiġi appuntat President. Fuq nomina ta' Claudio Grech ġie magħżul Godfrey Farrugia bħala President b'kunsens u akklamazzjoni.

Fil-kelmtejn introduttorji tiegħu Godfrey Farrugia qal li flimkien ma' sħabu membri ser ikun kommess fuq ħidma lejn l-ekwita' u l-*well-being* ta' persuni bid-dijabete bil-għan li titnaqqas din l-epidemija u nassiguraw mekkanizmu effettiv ta' prevenzjoni.

**2) Preżentazzjonijet**

F'messaġġ awdjoviżiv, il-President ta' l-*International Diabetes Federation* **Sir Michael Hirst** faħħar l-inizjattiva ta' Simon Busuttil sabiex jitwaqqaf dan il-Grupp u esprima d-dispjaċir tiegħu li ma setax ikun preżenti fiżikament għal t-tnedija tal-Kumitat. Huwa qal li inizjattivi simili huma fl-interess ta' persuni suġġetti għal din il-kundizzjoni li jirrikjedu attenzjoni partikulari u ħidma iffukata.

Fil-preżentazzjoni tagħha **Dr. Natasha Azzopardi Muscat** irreferiet għal żieda fl-inċidenza ta' Dijabete *Type 2* fuq il-medda ta' tmien snin, primarjament minħabba demografija u obeżita' iżda wkoll żieda konsiderevoli ta' 20% f'dik *Type 1*, li normalment inpoġġu anqas emfasi fuqha.

Hija saħqet li dieta Mediterranea tnaqqas id-dijabete u qalet li dijanjożi fi stat bikri twassal li jiġu evitati aktar kumplikazzjonijiet. Dr. Azzopardi Muscat irrimarkat li kura effettiva fil-qasam tirrikjedi ppjanar u investiment, xi ħaġa li bħalissa qed tiġi studjata fil-kuntest ta' *National Diabetes Health Plan* li kumbinazzjoni ġie ppreżentat dakinhar stess mill-Gvern. Hija qalet li hemm attenzjoni ffukata fuq (a) il-prevalenza tal-kundizzjoni kif ukoll (b) il-bżonn li nnaqqsu l-kumplessita'.

Fil-preżentazzjoni tiegħu l-**Professur Stephen Fava** emfasizza b'mod partikulari fuq l-aspett kliniku u mediku fejn jidħol trattament ta' pazjenti b'mod partikulari fuq l-aspett ekonomiku tal-prevenżjoni fi stadju bikri.

**Christine Mifsud**, omm li żviluppat l-kundizzjoni tad-dijabete meta kienet tarbija ta' sena u nofs tat rendikont personali ta' minn xiex kellha tgħaddi sabiex taċċetta l-kundizzjoni li ġiet fuqha allarrieda permezz ta' virus u l-fażijiet ta' maturita' li kellha tgħaddi minnhom mit-tfulija, matul it-tqala u issa anke fit-trobbija tat-tfal tagħha stess.

Hija saħqet fuq l-aspett ta' monitoraġġ matul ħinijiet differenti tal-ġurnata u t-trattament ta' l-insulina f'ħajja li kif iddeskrivitha hi stess hija 'mimlija daqs bajda'. Ms. Mifsud qalet li l-pass li qed jieħdu l-membri tal-*Working Group* huwa wieħed apprezzat fejn permezz tal-ħidma tagħhom tistenna titjib il-promozzjoni u l-*awarenes*s tal-kundizzjoni. Hija rreferiet ukoll għal preġudizzji li għaddiet minnhom u għelbithom b'determinazzjoni u perseveranza.

**Anna Zammit McKeon** saħqet fuq kemm l-għarfien fuq il-kundizzjoni jista jwassal għal għaqda u sapport reċiproku. Hija daħlet fuq aspetti prattiċi bħall-provvista ta' l-*istrips*, it-tqassim tagħhom u n-neċessita' u d-dipendenza ta' min għandu l-kundizzjoni fuqhom.

Ms. McKeon tat ħarsa ukoll lejn aktar titjib fuq livell skolastiku fl-interess tat-tfal dijabetiċi u jeħtieġu jilqgħu għaliha wkoll fil-ħinijiet ta' l-iskola.

**David Mario Fenech**, dijabetiku minn Għawdex saħaq fuq nuqqas ta' għarfien fuq il-kundizzjoni, partikularment f'Għawdex, inkluż minn professjonisti fl-isptar Ġenerali ta' Għawdex. Bħal Christine Mifsud huwa tkellem fuq dak li għadda minnu sal-lum li madankollu ma żammux milli jagħmel success fit-tagħlim u l-ħiliet tiegħu. Huwa esprima diffikultajiet marbutin mat-teħid ta' *insulina tal-pen* u anke vjaġġar ta' kuljum għax-xogħol bejn Malta u Għawdex minħabba l-kundizzjoni tiegħu. Is-Sur Fenech inkoraġġixxa lill-Grupp jasal għal proposti marbutin ma' aktar psikologi li jittrattaw diabetici, aktar *gyms* li jkunu *'friendly'* ma' min hu dijabetiku u tkattir ta' aktar għarfien f'Għawdex. Huwa anke esprima d-disponibbilita' tiegħu li jiwaqqaf fergħa tad-*Diabetes Association* ġewwa Għawdex.

Għall-mistoqsija tal-President tal-WG Godfrey Farrugia marbuta ma żieda ta' inċidenza ta' dijabete minn eta bikrija, **Dr Torpiano** qal li r-rata qed tiżdied u pajjiżna huwa klassifikat bħala l-ħames l-aktar pajjiż bl-għolja rata ta' inċidenza fl-UE. Huwa qal li t-twaqqif ta' dan il-Grupp ta' Ħidma bi-partitiku huwa sens ta' soljev.

### 3) Diskussjoni

**Marlene Farrugia** fetħet id-diskussjoni billi rreferiet għall-bżonn li nneħħu l-partiġġjaniżmu minn nofs sabiex kulħadd jiġbed ħabel wieħed, flimkien ma' *stakeholder*s, favur persuni diabetiċi. Hija qalet li dan il-kumitat lest jisma' lil kull *stakeholder* li jrid iwassal il-fehma tiegħu u qed joffrilu vantaġġ li dan huwa kumitat parlamenti li ma jridx iservi biss ta' *talking shop*. Hija qalet li hemm bżonn kura holistika ffukkata fuq dawn il-persuni sabiex ikunu aktar involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-Onorevoli Farrugia aċċentwat ir-rwol utli tal-ġenituri u l-għalliema fis-suċċess ta' tfal b'din il-kundizzjoni. Hija lmentat minn nuqqas serju ta' *teamwork* fejn ir-riżorsi huma provduti imma r-riżultat aħħari mhux jilħaq il-bżonnijiet mixtieqa minn dawn in-nies. L-Onor Farrugia rrakkomandat lill-membri sħaba sabiex jittella' pjan ta' ħidma biex jiġu ndirizzati problemi li ssemmew matul il-laqgħa.

**Claudio Grech** għamel nota ta' ringrazzjament lil dawk kollha li attendew u qasmu l-esperjenzi tagħhom mal-kumitat. Huwa emfasizza l-prinċipju ta' ġustizzja soċjali filwaqt li ammetta li s-sistema li tħaddem dan il-prinċipju ma rnexxietx għal omm bħal Christine Mifsud. Għaldaqstant huwa saħaq fuq bżonn ta' miżuri tanġibli permezz ta' miżuri aktar qrib il-pazjent. Huwa qal li dan il-kumitat ser ipoġġi pressjoni fuq l-eżekuttiv u jrid ikun rilevanti permezz ta' azzjoni bbażata fuq evidenzi u *outcomes* fattwali.

**Deo Debattista** saħaq fuq il-bżonn ta' aktar kura minn kull aspett lill-persuni bid-dijabete, b'mod partikulari psikjatrija minħabba inċidenza frekwenti ta' dipressjoni. Huwa qal li rridu nindirizzaw apatija kbira inkluża fil-pazjenti u wera x-xewqa li bħala pajjiż isir programm ta' *screening* għall-popolazzjoni ġenerali.

## 4) Konklużjoni

Il-President tal-Grupp Godfrey Farrugia irringrazzja lil kull min ippartecipa waqt il-laqgħa u anke lil dawk li attendew. Huwa wera x-xewqa li fil-laqgħa li jmiss ikun hemm mistiedna s-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa Chris Fearne flimkien ma' konsulenti u esperti oħra fil-qasam sabiex jibda x-xogħol sabiex jitħejja rapport ta' ħidma mill-grupp.

Kien hemm qbil fuq is-suġġeriment ta' Simon Busuttil li l-laqgħat tal-grupp ikunu miftuħin għal min ikun interessat jattendi. Huwa qal li bħala membri irridu nistradaw ix-xogħol biex inwettqu l-istrateġija tagħna bil-għan li sal-baġit li ġej ikunu tressqu tlett proposti konkreti biex jiġu adottati mill-Gvern.

## 5) Aġġornament

Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Ġunju fis-1930hrs. Il-membri mistiedna għat-tnedija tal-WG ser jiġu mistiedna sabiex jattendu.